# Fejn Jorqod ir-Riħ

Achille Mizzi

Ann Marie Schembri – Claire Zerafa
Skola St Joseph, Tas-Sliema

# X’inhu r-riħ?



- Id-dinja hija mdawra b’saff ta’ arja li qiegħda f’moviment il-ħin kollu.
- Ir-riħ jinħoloq meta arja sħuna u arja kiesħa jersqu viċin xulxin. Hawnhekk tinħoloq pressjoni fl-arja bil-konsegwenza li jifforma r-riħ.
- Fi kliem sempliċi, ir-riħ huwa moviment ta’ arja sħuna u arja kiesħa li jaħbtu f’xulxin fi spazju ta’ arja partikolari.

# Ir-riħ f'għajnejna!

- Ir-riħ ma narawhx u ma nistgħux naqbduh, nistgħu nħossuh biss.
- Nistgħu naraw biss il-konsegwenzi u l-impatti li jħalli, ħafna drabi koroh.






Sa A. Schembri – Sa C. Zerafa / Skola St Joseph, Tas-Sliema

# Ir-riħ huwa bżonn

- Imexxi l-ossiġnu li l-bnedmin, l-annimali u l-pjanti għandhom bżonn.
- Bir-riħ jiddakkru l-pjanti u tinfirex iż-żerriegħa ta' ħafna siġar.

- Ir-riħ imexxi t-temp minn post għal ieħor.
- Inixxef inħawi milquta minn ħafna xita.
- Jiffriska l-arja sħuna.

# L-antropomorfizzazzjoni tar-riħ



- L-antropomorfizzazzjoni hija l-mod kif il-bniedem ifisser u jagħti karatteristiċi umani lil ħwejjeġ li mhumiex umani, bħall-elementi naturali, u annimali.
- Bosta kulturi antiki kienu jinkludu dan il-mekkaniżmu fl-istejjer tradizzjonali tagħhom.
- Il-ħrejjef ta' Esopu huma eżempju klassiku.
- Il-personifikazzjoni tar-riħ insibuha kemm-il darba fil-letteratura.

# Ir-Riħ mit-Tramuntana

- Fil-ħrejjef ta' Esopu nsibu l-ħrafa tar-riħ mit-Tramuntana u x-xemx li jagħmlu sfida bejniethom: min minnhom kellu l-ħila jġiegħel lill-vjaġġatur ineħħi l-kowt minn fuqu.
- Ir-riħ jidher prużuntuż u kważi konvint li se jirbaħ, iżda dan huwa riħ kiesaħ u r-raġel jitgeddes iżjed fil-kowt.



# Fejn Jorqod ir-Riħ

- **Titlu** li jqanqal kurżità għax se nkunu nafu xi ħaġa li mhux soltu nisimgħu biha: il-post fejn ir-riħ ikun wieqaf, mistrieħ, rieqed.
- Donnu l-poeta se jħoll xi misteru dwar ir-riħ u għalhekk il-qarrej jitħeġġeġ aktar biex jaqra.
- Tispikka mill-ewwel **il-personifikazzjoni** tar-riħ.
- Fit-titlu nsibu tliet kelmiet b'funzjonijiet grammatikali differenti, iżda li jkomplu jżidu s-sens ta' kurżità u ħeġġa biex inkunu nafu:

Fejn - avverbju tal-post

Jorqod - verb fl-imperfett (azzjoni bħala drawwa)

ir-Riħ - nom, is-suġġett b'artiklu definit

# "Qatt ħadd ħolom Fejn jorqod ir-riħ?"

- **Mistoqsija rettorika**.
- Fil-mistoqsija hemm **affermazzjoni fin-negattiv**: ħadd ma jaf fejn jorqod ir-riħ.
- Toħloq **sens ta' diżappunt** għax filwaqt li t-titlu donnu jħejji lill-qarrej għal xi informazzjoni ġdida, issa l-poeta jgħid li ebda persuna, fl-ebda ħin u mument, ma kellha jew għandha idea fejn ikun ir-riħ meta jieqaf.

# “ħolom” mhux ħaseb

- Fil-fatt ir-riħ ma jorqodx, iżda jiċċaqlaq skont il-pressjoni tal-arja.
- Forsi għalhekk il-poeta juża l-verb “ħolom” għax biex nitkellmu dwar ir-riħ li jorqod bilfors irridu nitilqu mill-ħsieb loġiku u xjentifiku u nidħlu fl-immaġinazzjoni.
- Il-verb “ħolom” jagħtina wkoll l-idea li l-ħsieb dwar l-irqad tar-riħ huwa xi ħaġa mhux f’lokha, mhux normali, bħal meta lil xi ħadd ngħidulu li qed joħlom meta jgħid xi ħaġa mhux tas-soltu.

# "Kollox nafu dwar ir-riħ!"

- Kuntrast bejn l-ewwel u t-tieni strofa: l-ewwel jistaqsi dwar ir-riħ fl-irqad tiegħu, imbagħad jgħid li nafu kollox.
- Sens ta' ironija li joħroġ tajjeb bl-esklamazzjoni
- Affermazzjoni falza għaliex mhux tassew li nafu kollox dwar ir-riħ; ma nafux jekk jorqodx jew fejn ikun xħin jorqod.
- Ton **sarkastiku** li jkompli jenfasizza ċ-ċokon tal-bniedem quddiem dan l-element naturali.

# Ir-Riħ Fuq u r-Riħ Isfel

- Użża terminoloġija popolari.
- L-idea li r-riħ ġej minn Fuq (mill-kontinent li qiegħed fuqna) jew minn Isfel (mill-kontinent ta' taħtna)
- Ħsieb tipiku ta' nies li jgħixu fi gżira, f'nofs ta' baħar u bejn żewġ kontinenti kbar.
- "Fuq" u "Isfel" żewġ avverbji li jġorru ħsieb warajhom.



# Ir-Riħ Fuq u r-Riħ Isfel



- **Ir-Riħ Fuq** huwa dak li jġib il-frisk u li l-Maltin jieħdu gost bih għax itaffi mis-sħana u jġib atmosfera pożittiva.
- **Ir-Riħ Isfel** huwa dak li jġib ajru mċajpar, sħana u umdità. Għalkemm huwa frekwenti, il-Maltin ma jiħdux gost bih.
- Din it-terminoloġija tintuża wkoll fil-kuntest tal-persuni biex tiddeskrivi l-burdata li jkollu dak li jkun.
- Riħ Fuq tfisser burdata tajba, pożittiva.
- Riħ Isfel tfisser burdata ħażina, negattiva.

*Ir-Riħ Fuq – **dak** ir-riħ li **jiffriska**,*
*li **jnixxef**,* **jixxotta**.
*Ir-Riħ Fuq – **dak** li **jdewwi**,*
***dak** li **jivvibra** l-qliebi*
*bil-mużika tar-rebbiegħa,*
***dak** li fix-xitwa*
*bir-reżħa jriegħed iz-zkuk.*

# Ir-Riħ Fuq: atmosfera Romantika u pożittiva

- **Il-verbi fl-imperfett** juru kemm dan ir-riħ huwa familjari magħna; nafu x'jagħmel kull darba li jżurna.
- **Il-verbi b'konsonanti doppja** fihom ikomplu jenfasizzaw il-qawwa tar-Riħ Fuq.
- Insibu għadd ta' fatti dwar ir-Riħ Fuq- il-bniedem jaf xi ħaġa dwar dan it-tip ta' riħ.
- **L-anafora "dak"** tkompli tpoġġi lir-Riħ Fuq bħala l-protagonista ċentrali, aġent ta' ħafna bidliet.
- Isemmi biss impatti pożittivi, il-kesħa ma tidhirx negattiva.

- “jnixxef, jixxotta” – iħaffef ix-xogħol tad-dar.
- “jdewwi” – il-ġrieħi jinxfu malajr.
- “jivvibra l-qliebi” – tindika l-qawwa li jkollu dan ir-riħ, saħansitra jċaqlaq il-weraq żgħir u tari fin-nofs tal-pjanti.
- “bil-mużika tar-rebbiegħa” – ir-riħ li mhux qed jokrob jew jingħi, iżda jinstema’ bħal mużika sabiħa. Hawn jinħass ir-**Romanticiżmu** fid-deskrizzjoni li joffri l-poeta.

- **Il-personifikazzjoni tar-rebbiegħa** li bis-saħħa tar-riħ issir bħal mużiċist.
- **Il-personifikazzjoni taz-zkuk** li jitriegħdu bil-kesħa li jġib ir-Riħ Fuq. Ir-riħ bħal donnu jinħeba, u qisna ninsew li kien dan l-istess riħ li ġab dan il-bard kollu.

*Ir-Riħ Isfel – riħ il-**moffa** u l-**indewwa**,*
***miblul**, Settembrin,*
*- riħ l-inbid li jiffermenta fil-btieti.*
*Jegħjew saħanistra qlugħ ix-xemx*
*jarbulaw biex ivinċu*
*iċ-**ċlampu** **midliek**.*

# Ir-Riħ Isfel:
# Mhux mixtieq, atmosfera negattiva

- Jolqtuna l-irwejjaħ mhux ir-riħ innfisu.
- Tindika li dan mhux riħ li jġib enerġija, imma kurrent ta' arja li jġib kalma u passività fl-arja nnifisha.

- M'għandniex azzjonijiet ta' rutina bħal fir-Riħ Fuq; mhux xi ħaġa ħajja, iżda nħossu l-konsegwenzi li jġib dan ir-riħ- dan jidher fin-nomi u fil-parteċipji passivi użati: ***moffa, indewwa, ċlampu, miblul, midliek***
- Il-poeta ma jitkellimx b'mod pożittiv fuq dan ir-riħ, imma fl-għażla tal-kliem nistgħu nħossu n-nuqqas ta' ħeġġa tal-Maltin kollha f'dan it-tip ta' temp.

- Dan ir-riħ sħun, umduż, imdellek u li jġib ajru mċajpar joħloq **atmosfera ta' għeja u passività** fil-bniedem.
- Forsi l-unika ħaġa li jara tajba f'dan ir-riħ hija li huwa bżonjuż biex isir l-inbid, li ma jrid ebda azzjonijiet ħlief li jkun mistrieħ fil-btieti.
- L-għeja li taħkem kollox tilħaq il-qofol tagħha fix-xemx li hi wkoll tispiċċa bla saħħa tipprova tiġġieled is-sħab li jimla s-sema.

- Hawnhekk tispikka **l-personifikazzjoni tax-xemx,** li qed tipprova tegħleb it-temp imsaħħab; ir-raġġi tax-xemx "jegħjew", jitħabtu kull darba kontra dan it-tip ta' riħ, iżda ma jirnexxilhomx jirbħulu.
- "Qlugħ ix-xemx" hija **metafora** li tbiddel lir-raġġi tax-xemx, fi qlugħ bħal ta' dgħajsa li jkunu kkontrollati mir-riħ li jaħkimhom.
- Ir-raġġi qed jippruvaw iżommu dritt, iżda s-sħab ma jħallihomx għalhekk jidhru "jarbulaw", jitiflu l-bilanċ għax l-ajru huwa wisq tqil bis-sħab umduż.

# "Kollox nafu dwar ir-riħ!"

- Repetizzjoni tal-esklamazzjoni ironika – ritornell.
- Dan il-vers insibuh bejn l-istrofi li jiddeskrivu r-Riħ Fuq u r-Riħ Isfel.
- Jibbilanċja ż-żewġ deskrizzjonijiet.

- Il-forma tal-poeżija tissuġġerixxi li aħna nafu ż-żewġ estremitajiet tar-riħ, żewġ qagħdiet opposti tiegħu, imma ma nafux l-essenzjal tiegħu.
- Il-vers ironiku fin-nofs jagħti l-idea li l-qofol tar-riħ huwa misteru għalina.
- Terġa' tispikka l-idea ta' ċokon tal-bniedem.

# *“Qatt ħadd ħolom Fejn jorqod ir-riħ?”*

- Repetizzjoni tal-**mistoqsija rettorika,** iżda issa nħossu differenza fiha.
- Wara li ppruvajna nifhmu lir-riħ u ħriġna dak li nafu fuqu, din il-mistoqsija ssir iżjed misterjuża.
- Nafu xi ħaġa dwar ir-riħ, iżda ma nafux biżżejjed biex inkunu nafu fejn qiegħed meta ma jinħassx.
- Għalkemm ir-riħ jikkundizzjonalna ħajjitna u jaffettwana, xorta jibqa’ forza akbar minna.

*Għidulu jinqala' minn bejtu r-riħ,*
*ħa jonfoħ, għax mingħajru d-dakra ma ttuqx*
*u lanqas*
*il-ħajja*
*ma tiġġedded.*

It-tmiem juri lill-poeta jħares lejn ir-riħ minn lenti pożittiva u għalkemm ma jafx kollox dwaru, jifhem il-ħtieġa tiegħu f'ħajjitna.

- Jinħass **ton assertiv** hawnhekk, speċjalment fl-ordni li jagħti l-poeta lill-qarrejja – “għidulu”. Donnu l-poeta issa pprova kemm felaħ jifhem is-suġġett u qed jirrelizza li dan l-element naturali huwa ta’ bżonn għall-umanità.
- Hawnhekk naraw l-użu tal-**apostrofi**, meta l-indirizz huwa lejn il-qarrejja, li bħala bnedmin jidhru qed jifhmu ċ-ċokon tagħhom fid-dinja u allura se jsejħu lir-riħ u mhux ikeċċuh għax mill-ftit li jafu, iħossu li huwa ta’ bżonn.


dreamstime.com

- L-għeluq jurina li r-riħ huwa parti importanti miċ-ċiklu tan-natura u bis-saħħa tiegħu r-rutina tibqa’ għaddejja u l-ħajja tirriġenera ruħha. L-istess bħalma jagħmel ir-riħ, meta ma nħossuhx, ikun qed jerġa’ jitwieled mill-ġdid xi mkien ieħor.
- Ninnutaw l-użu tal-kelma “bejtu”, l-uniku darba fejn il-poeta jagħmel referenza għall-post fejn jistrieħ ir-riħ. Mhix lokazzjoni eżatta, u ma teżistix, forsi hawnhekk tinħass l-immaġinazzjoni tal-poeta li joħlom b’dak il-post fejn jistkenn ir-riħ- nerġgħu nsibu l-**antropomorfizzazzjoni**- ir-riħ li għandu dar.


dreamstime.com

# Il-Forma tal-poeżija

- Stil modern
- Strofi u versi varjati.
- **Paralleliżmu** fil-binja tal-poeżija - joħloq bilanċ bejn l-istrofi dwar ir-Riħ Fuq u r-Riħ Isfel u l-vers tan-nofs li qed iqiegħed liż-żewġ tipi ta’ rjieħ fuq naħat opposti u joħroġ **kuntrast.**





- Insibu r-**ritronell** fir-repetizzjoni tal-ewwel u t-tieni strofi.
- Il-**lingwaġġ sensorju-** ir-riħ huwa ppreżentat lilna f'forom u burdati varji permezz tas-sensi u dan jurina li nafu xi ħaġa dwar ir-riħ



# Xi mudelli rettoriċi

- L-użu tal-**anadiplosi** meta l-kelma "riħ" tagħlaq vers u l-vers ta' wara jerġa' jibda bl-istess kelma. Donnu r-riħ jinħass għaddej matul il-versi.
- **Il-mistoqsija rettorika** tidher darbtejn.
- L-**apostrofi** tinħass meta jindirizza lill-qarrej fl-aħħar strofa.

# Tematika

- L-elementi tan-natura
- Iċ-ċokon tal-bniedem
- Is-sensi
- It-temp
- L-immaġinazzjoni



# Tixbih ma’ xogħlijiet oħra

- Lill-Qamar Kwinta
- Żagħżugħ ta’ Dejjem
- Ġarġir mal-Ħerża
- Quo Vadis?

# Grazzi

Sa A. Schembri – Sa C. Zerafa